# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

# IMĦALLEF

# ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.

**ILLUM il-Ħamis, 17 ta' Jannar, 2019**

**Kawża Nru. 7**

**Rik. Nru. 286/09JRM**

Johan **CARABOTT** u Nikola *sive* Kola **CARABOTT**

vs

Emmanuel *sive* Leli **BUSUTTIL** u b'degriet tat-18 ta' Jannar, 2010, issejjaħ fil-kawża l-Perit Arkitett Joseph **BONDIN**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fit-23 ta' Marzu, 2009, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, ir-rikorrenti talbu li din il-Qorti (i) ssib l-imħarrek jaħti għad-danni mġarrba mill-atturi fil-ġid tagħhom minħabba l-mod kif wettaq xogħlijiet fil-ġid tiegħu; (ii) tillikwida d-danni mġarrba minnhom, jekk tkun il-ħtieġa bil-ħatra ta' perit maħtur għal dan il-għan; (iii) tikkundanna lill-imħarrek jagħmel ix-xogħlijiet rimedjali kollha meħtieġa fiż-żmien qasir u perentorju li l-Qorti tiffissalu, u dan taħt is-sorveljanza tal-perit minnha maħtur; (iv)

tawtoriżżahom biex, f'każ li l-imħarrek jonqos li jwettaq kif ordnat l-imsemmija xogħlijiet, jagħmluhom huma bi spejjeż għalih; u (v) tikkundanna lill-imħarrek sabiex, fin-nuqqas li jagħmel ix-xogħlijiet hu, iħallas lill-atturi s-somma minnhom minfuqa biex għamlu x-xogħlijiet bħala danni likwidati, u dan kif kwantifikata mill-perit hekk maħtur. Talbu wkoll l-ispejjeż, inkluż dawk tal-Protest Ġudizzjarju tal-24 ta' Settembru, 2006;

Rat id-digriet tagħha (diversament presjeduta) tal-25 ta' Marzu, 2009[1], li bih ordnat li ssir in-notifika tal-atti lill-imħarrek u tat direttivi lill-atturi dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tagħhom;

Rat ir-Tweġiba Maħlufa mressqa mill-imħarrek Emmanuel Busuttil tad-29 ta' April, 2009, li biha laqa' għall-azzjoni attriċi billi, preliminarjament jgħid li l-azzjoni waqgħet bil-preskrizzjoni ta' sentejn skond l-artikolu 2153 tal-Kap. 16. Fil-mertu, jiċħad li għandu jagħmel tajjeb għal xi dannu mġarrab mill-atturi. Jgħid li numru ta' snin ilu, intlaħaq ftehim bejnu u bejn l-atturi għal xi danni li l-atturi jgħidu li ġarrbu u l-imħarrek ħallas l-ammont maqbul għas-saldu tal-pretensjonijiet imressqa minnhom. Iżid jgħid li, wara li sar il-ħlas u tneħħa mandat ta' inibizzjoni li kien inħareġ kontrih, l-atturi reġgħu bdew iressqu pretensjonijiet oħra ta' ħsarat fil-post tagħhom, u dan minkejja li l-eċċipjenti ma kien reġa' għamel l-ebda xogħol ieħor fil-post tiegħu. Jgħid li din l-azzjoni tressqet minkejja dak il-ftehim;

Rat id-degriet tal-Qorti (diversament presjeduta) tas-19 ta' Mejju, 2009[2], li biħ awtorizzat lill-imħarrek Emmanuel Busuttil sabiex jagħmel Nota ta' Sottomissjonijiet dwar l-eċċezzjoni preliminari tal-preskrizzjoni, u ħalliet il-kawża għat-trattazzjoni dwar l-istess eċċezzjoni preliminari;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-imħarrek Emmanuel Busuttil tal-21 ta' Mejju, 2009[3], dwar l-eċċezzjoni preliminari msemmija;

Rat id-degriet tal-Qorti (diversament presjeduta) tad-29 ta' Settembru, 2009[4], li bih tat lill-imħarrek żmien sabiex iressaq Nota dwar l-allegat emenda għall-artikolu 2153 tal-Kap. 16, u ħalliet il-kawża għas-sentenza dwar l-imsemmija eċċezzjoni preliminari;

Rat in-Nota ta' Osservazzjonijiet tal-imħarrek Busuttil tal-1 ta' Ottubru, 2009[5];

---

[1] Paġ. 5 tal-proċess
[2] Paġ. 13 tal-proċess
[3] Paġġ. 14 – 8 tal-proċess
[4] Paġ. 20 tal-proċess
[5] Paġ. 21 tal-proċess

Rat in-Nota ta' l-atturi tad-9 ta' Ottubru, 2009[6], li biha rtiraw is-sottomissjoni mressqa minnhom marbuta mal-emenda għall-artikolu 2153 tal-Kap. 16;

Rat id-degriet tal-Qorti (diversament presjeduta) tat-12 ta' Ottubru, 2009[7], li bih il-Qorti iddikjarat li ma kienx hemm għalfejn aktar li tingħata sentenza dwar l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni u ħalliet il-kawża għas-smigħ tal-provi;

Rat id-degriet tal-Qorti (diversament presjeduta) tat-18 ta' Jannar, 2010[8], li biha u fuq talba mressqa mill-atturi tal-5 ta' Jannar, 2009[9], laqgħet it-talba sabiex jissejjaħ fil-kawża l-Perit Arkitett Joseph Bondin;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa mill-imsejjaħ fil-kawża fit-3 ta' Marzu, 2010, li biha laqa' għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, jgħid li l-azzjoni attriċi waqgħet bil-preskrizzjoni ta' sentejn skond l-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili; u li mhux il-leġittimu kontradittur tal-pretensjonijiet attriċi billi qatt ma ġie mqabbad mill-imħarrek Leli Busuttil sabiex jidderieġi jew jissorvelja xogħlijiet li saru minnu. Fil-mertu, jgħid l-istruzzjonijiet li seta' ta kien biss flimkien mal-perit tal-atturi, il-Perit Arkitett Ronald Muscat Azzopardi, meta nqalgħu l-kwestjonijiet bejn il-partijiet u wara li l-imħarrek kien temm ix-xogħlijiet. Minbarra dan, jgħid li lanqas ma kien imqabbad jissorvelja x-xogħlijiet rimedjali li l-imħarrek kien dirett li jagħmel mill-perit imqabbad mill-atturi. Itemm jgħid li, fi kwalunkwe każ, ma kien hemm xejn difettuż f'tali struzzjonijiet, u għaldaqstant m'għandux għaliex iwieġeb lejn l-atturi għall-ħsarat li jgħidu li ġarrbu;

Rat id-degriet tal-Qorti (diversament presjeduta) tat-22 ta' Jannar, 2010[10], li bih ħatret lill-Avukat Yvette Cassar bħala Assistent Ġudizjarju sabiex tiġbor il-provi tal-partijiet;

Rat li b'ordni ta' surroga tal-24 ta' Jannar, 2014[11], din il-kawża kienet assenjata lil din il-Qorti kif issa presjeduta;

Rat id-degriet tagħha tal-20 ta' Ottubru, 2015[12], li bih ħatret lill-Avukat Maria Dolores Gauċi bħala Assistent Ġudizjarju sostitut sabiex tiġbor il-provi tal-partijiet;
Rat id-degriet tagħha tat-3 ta' Ottubru, 2016[13], li bih u fuq talba konġunta mressqa mill-imħarrek u l-imsejjaħ fil-kawża b'rikors tagħhom tal-14 ta' Ġunju,

---

[6] Paġ. 22 tal-proċess
[7] Paġ. 23 tal-proċess
[8] Paġ. 30A
[9] Paġ. 29 tal-proċess
[10] Paġġ. 54 – 5 tal-proċess
[11] Paġġ. 132 – 3 tal-proċess
[12] Paġ. 172 tal-proċess
[13] Paġ. 226 tal-proċess

2016[14], ordnat li ssir it-trattazzjoni u tingħata sentenza dwar l-eċċezzjoni preliminari tal-preskrizzjoni;

Rat ix-xhieda u d-dokumenti mressqa mill-partijiet quddiem l-Assistent Ġudizzjarju;

Rat id-degriet tagħha tas-6 ta' Ottubru, 2016[15], li bih tat lill-attur żmien biex iressaq Sottomissjonijiet bil-miktub dwar l-imsemmija eċċezzjoni preliminari;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-atturi tat-30 ta' Novembru, 2016[16], dwar l-imsemmija eċċezzjoni;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha mressqa f'din il-kawża;

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni ta' danni minħabba xogħlijiet li saru f'ġid biswit dak tal-atturi. L-atturi jgħidu li l-imħarrek ma żammx il-bogħod mill-ħajt diviżorju skond kif titlob il-liġi u saħansittra ħaffer u daħal taħt il-ġid tagħhom. Jgħidu li l-bini tagħhom – li jiġi wieħed fuq l-ieħor – straħ u, b'riżultat ta' dan, ġarrbu danni bid-dħul tal-ilma u bid-dgħajjif tas-sisien. Minkejja li l-imħarrek ġie mitlub biex jagħmel it-tiswijiet meħtieġa, huwa naqas li jagħmel dak miftiehem. Għalhekk, fetħu din il-kawża biex jitolbu li l-imħarrek jagħmel ix-xogħlijiet kollha meħtieġa biex isewwi l-ħsarat li ikkawża u biex ma tissoktax issir aktar ħsara fil-ġid tagħhom. Jitolbu wkoll li, jekk kemm-il darba l-imħarrek jonqos li jagħmel dak ix-xogħol fiż-żmien li tagħtih il-Qorti, jagħmluh huma taħt is-superviżjoni ta' perit li l-Qorti tista' taħtar u li dan isis bi spejjeż tal-imħarrek;

Illi l-imħarrek laqa' għall-azzjoni attriċi billi, preliminarjament, qal li l-azzjoni waqgħet bil-preskrizzjoni ta' sentejn skond l-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili. Fil-mertu, ċaħad li għandu jagħmel tajjeb għal xi dannu mġarrab mill-atturi. Qal li numru ta' snin qabel kien intlaħaq ftehim bejnu u bejn l-atturi għal xi danni li l-atturi jgħidu li ġarrbu u hu ħallas l-ammont maqbul għas-saldu tal-pretensjonijiet imressqa minnhom. Żied jgħid li, wara li sar il-ħlas u tneħħa mandat ta' inibizzjoni li kien inħareġ kontrih, l-atturi reġgħu bdew iressqu pretensjonijiet oħra ta' ħsarat fil-post tagħhom, u dan minkejja li l-eċċipjenti ma

[14] Paġ. 219 tal-proċess
[15] Paġ. 227 tal-proċess
[16] Paġġ. 228 – 9 tal-proċess

kien reġa' għamel l-ebda xogħol ieħor fil-post tiegħu. Qal li din l-azzjoni tressqet minkejja dak il-ftehim;

Illi wara li l-kawża kienet għaddiet għall-ġbir tal-provi tal-partijiet, l-atturi talbu s-sejħa fil-kawża tal-perit arkitett Joseph Bondin. Dik it-talba ntlaqgħet mill-Qorti diversament presjeduta;

Illi l-perit imsejjaħ fil-kawża laqa' għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qal li l-azzjoni attriċi waqgħet bil-preskrizzjoni ta' sentejn skond l-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili; u li ma kienx il-leġittimu kontradittur tal-pretensjonijiet attriċi billi qatt ma ġie mqabbad mill-imħarrek Leli Busuttil sabiex jidderieġi jew jissorvelja xogħlijiet li saru minnu. Fil-mertu, qal li l-istruzzjonijiet li seta' ta kien biss flimkien mal-perit tal-atturi, il-Perit Arkitett Ronald Muscat Azzopardi, meta nqalgħu l-kwestjonijiet bejn il-partijiet u wara li l-imħarrek kien temm ix-xogħlijiet. Minbarra dan, jgħid li lanqas ma kien imqabbad jissorvelja x-xogħlijiet rimedjali li l-imħarrek kien dirett li jagħmel mill-perit imqabbad mill-atturi. Temm jgħid li, fi kwalunkwe każ, ma kien hemm xejn difettuż f'tali struzzjonijiet, u għaldaqstant ma kellux għaliex iwieġeb lejn l-atturi għall-ħsarat li jgħidu li ġarrbu;

Illi bħala <u>fatti relevanti li joħorġu mill-atti</u> jirriżulta li l-attur Johan Carabott huwa s-sid tal-fond bin-numru 66 (bl-isem "*Aries*"), fi Triq il-Labour, Żejtun, filwaqt li missieru l-attur Nikola *sive* Kola Carabott, huwa s-sid tal-garaxx bin-numru 64 fl-istess triq. Il-fond 66 jiġi sovrapost għall-fond 64, u fond ieħor ta' terzi. Imiss mal-fondi fuq imsemmija, hemm il-fond 62 b'faċċata mal-imsemmija triq, liema post hu ġid tal-imħarrek, u li hu magħmul min f'żewġ garaxxijiet u dar bl-isem "*Renclint*"[17];

Illi fis-sena 2001, l-imħarrek għamel xi xogħol ta' tħaffir, tħammil u furmar ta' *basement* taħt il-fond tiegħu. Permess għal tali żvilupp mill-Awtorità responsabbli mill-ħruġ ta' permessi għal iżvilupp (MEPA) ma kellux, tant li fl-14 ta' Marzu, 2001, il-MEPA ħarġet Avviż ta' Infurzar sabiex hu jieqaf mix-xogħlijiet li kien qed jagħmel[18]. Jirriżulta li, fl-imsemmija xogħlijiet, l-imħarrek ma żammx id-distanza ta' sitta u sebgħin (76) ċentimetru bogħod mill-ħajt li jifred il-ġid tiegħu minn dak tal-atturi. Minħabba dawn ix-xogħlijiet, Carabott ġarrbu bosta ħsarat fi ħwejjiġhom[19]. Id-difetti baqgħu ħerġin maż-żmien u fis-sena 2003 u 2004, l-atturi qabbdu lill-Perit Ronald Muscat Azzopardi li ħejja żewġ rapporti marbuta ma' dawn id-danni[20];

[17] Ara l-affidavit tal-attur Johan Carabott f'paġ. 59 tal-proċess u tal-attur Nikola Carabott f'paġ. 63 tal-proċess
[18] Ara x-xhieda ta' Frankie Scerri f'paġ. 91 – 2 tal-proċess
[19] Ara x-xhieda tal-Perit Ronald Muscat Azzopardi f'paġġ. 92 – 3 tal-proċess
[20] Dok. "RM2" f'paġġ. 97 sa106 tal-proċess

Illi fis-sena 2002, intlaħaq ftehim bejn il-partijiet fejn l-imħarrek ħallas lill-atturi l-ammont ta' ħames mija u erbgħin liri Maltin (€540). Filwaqt li l-imħarrek jgħid li dan il-ħlas kien għas-saldu tal-pretensjonijiet kollha tal-atturi u għaldaqstant ma baqagħlux aktar x'jagħtihom, l-atturi min-naħa l-oħra, jgħidu li kien hemm żewġ fażijiet ta' xogħol li saru mill-imħarrek u li dwarhom kellhom ilmenti, u dak li tħallsu għalih kien biss marbut mal-ewwel fażi tax-xogħol li kien għamel. Huma jisħqu li, minħabba li d-difetti baqgħu ħerġin, dawn għad iridu jitħallsu tagħhom[21];

Illi l-mħarrek qabbad lill-imsejjaħ fil-kawża Perit Joseph Bondin sabiex jassistih fl-applikazzjoni mal-MEPA dwar is-sanzjonar tal-iżvilupp li kien diġà sar[22]. Jirriżulta li l-Perit Bondin, flimkien mal-Perit Muscat Azzopardi, waslu fi qbil dwar ix-xogħlijiet rimedjali li kellhom isiru minn Busuttil[23]. Min-naħa l-oħra, ma jirriżultax li l-atturi qatt bagħtu xi korrispondenza lill-Perit Bondin dwar il-ħsarat li jgħidu li ġarrbu[24];

Illi fl-24 ta' April, 2006[25], l-atturi flimkien bagħtu protest ġudizzjarju lill-imħarrek dwar il-ħsarat li kienu ħarġu u żammewh responsabbli għad-danni;

Illi fit-23 ta' Marzu, 2009, infetħet din il-kawża;

Illi l-<u>kunsiderazzjonijiet ta' natura legali marbuta mal-eċċezzjoni taħt eżami,</u> irid tqis is-siwi ta' din l-eċċezzjoni għall-każ li l-Qorti għandha quddiemha. Din l-eċċezzjoni tqajment kemm mill-imħarrek u kif ukoll mill-imsejjaħ fil-kawża;

Illi ż-żmien tal-preskrizzjoni jrid jitqies b'riferenza għall-azzjoni kif imfassla[26]. Din hija għażla li l-liġi tagħti lil kull parti attriċi, u hija fuq din l-għażla li jiddependi l-eżitu tal-azzjoni. Dan ifisser li jekk parti tagħżel li tressaq il-pretensjonijiet tagħha kontra parti oħra fuq kawżali partikolari, l-eċċezzjoni li titqanqal mill-parti mħarrka kontra l-azzjoni magħmula kontriha trid titkejjel fuq dik il-kawżali u mhux fuq x'taħseb il-parti mħarrka li setgħet kienet il-kawżali vera. Għalhekk, il-Qorti trid l-ewwel tqis jekk l-artikolu tal-preskrizzjoni li jkun eċċepit (f'dan il-każ, l-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili), ikunx jgħodd għaċ-ċirkostanzi tal-azzjoni li l-eċċezzjoni trid twaqqaf, qabel ma tgħaddi biex tistħarreġ il-provi. Dan qed jingħad għaliex, f'każ li ż-żmien preskrittiv eċċepit ikun jgħodd għall-każ, ma jkun jiswa xejn li l-Qorti tistħarreġ

---

[21] Ara Dokti. "SC1" sa "SC3" f'paġġ. 146 – 8 tal-proċess. Ara wkoll l-affidavit tal-Avukat Stefan Camilleri f'paġġ. 143 – 4 tal-proċess u x-xhieda tal-Avukat Stefan Camilleri mogħtija fil-kontro-eżami f'paġġ. 188 – 9 tal-proċess
[22] Ara x-xhieda tal-imsejjaħ fil-kawża Perit Joseph Bondin f'paġġ. 214 – 5 tal-proċess
[23] Ara x-xhieda tal-Perit Ronald Muscat Azzopardi f'paġ. 92 tal-proċess
[24] Ara x-xhieda tal-attur Nicholas Carabott f'paġ. 191 tal-proċess
[25] Dok "SC1", f'paġġ. 16 – 8 tal-proċess
[26] App. Ċiv. **24.3.1958** fil-kawża fl-ismijiet ***Borg vs. Testafferata Boniċi*** (Kollez. Vol: **XLII.i.153**) u Kumm **29.11.1971** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Calleja vs. Anthony Portelli noe*** (mhix pubblikata)

il-provi, ħlief safejn jista' jinwera li, mill-istess provi, l-parti li favur tagħha jkun miexi ż-żmien preskrittiv tkun għamlet jew qalet xi ħaġa li biha turi li irrinunzjat għaż-żmien li kien għaddej favur tagħha jew waqqfet dak iż-żmien;

Illi għall-finijiet ta' preskrizzjoni, il-liġi tagħraf tliet għamliet ta' azzjoni għad-danni, u jiġifieri (a) azzjoni dwar ħsarat imnissla minn għemil li jikkostitwixxi reat, f'liema każ, iż-żmien tal-preskrizzjoni huwa dak imfisser mil-liġi biex issir l-azzjoni kriminali dwar l-istess reat; (b) azzjoni għall-ħsarat imnisslin minn delitt jew kważi-delitt (l-hekk msejħa *culpa aquiliana*), f'liema każ il-preskrizzjoni hija ta' sentejn (prinċipju rifless fl-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili); u (ċ) azzjoni għall-ħsarat imnissla minn nuqqas ta' twettieq ta' obbligazzjoni li mhix imfissra f'att pubbliku, f'liema każ il-preskrizzjoni hija dik ta' ħames (5) snin[27]. Kieku l-obbligazzjoni tkun imfissra f'att pubbliku, jidher li l-preskrizzjoni tkun dik ta' tletin (30) sena[28], u dan għaliex iż-żmien preskrittiv dwar in-nuqqas ta' twettiq ta' obbligazzjoni kuntrattwali huwa dak relattiv għall-obbligazzjoni nnfisha[29];

Illi kif ingħad, dak li għandu jiġi mistħarreġ f'kawża ta' din ix-xorta huwa jekk il-premessi u l-kawżali li fuqhom tissejjes l-azzjoni jammontawx għal deskrizzjoni ta' atti li jikkostitwixxu reat allegatament fil-konfront tal-imħarrek jew tal-imsejjaħ fil-kawża[30];

Illi f'din il-kawża, l-atturi jixlu lill-imħarrek u lill-Imsejjaħ fil-kawża b'negligenza, traskuraġni u nuqqas ta' ħarsien tar-regolamenti waqt li kien qiegħed isir żvilupp fil-fond tal-imħarrek, u li b'riżultat tiegħu, l-atturi jgħidu li ġarrbu danni u għadhom iġorru l-konsegwenzi ta' dak l-għemil[31];

Illi minħabba li l-preskrizzjoni mressqa mill-imħarrek u mill-imsejjaħ fil-kawża hija waħda estintiva tal-azzjoni attrici, jidħol fis-seħħ il-prinċipju li ż-żmien preskrittiv jgħaddi biss minn dak inhar li jkun tnissel id-dritt jew setgħet tinbeda l-azzjoni meqjusa biex tħares dak id-dritt. Għaldaqstant, l-artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili għandu jinqara wkoll fid-dawl tal-artikolu 2137 tal-istess Kodiċi li jgħid li l-preskrizzjoni tibda tiddekorri minn meta l-azzjoni tkun setgħet issir. Il-ħarsien ta' din ir-regola hu wieħed bażiku u fundamentali, tant li huwa mgħallem li l-impossibilità li wieħed jagixxi trid tkun impossibilità lil hinn mir-rieda ta' dak li jkun, dovuta għal kawza li ma kellux kontroll fuqha, u li huwa ma setax iwarrab[32];

[27] Ara per eżempju App. **27.4.1953** fil-kawża fl-ismijiet ***Micallef nomine vs Cassar*** (Kollez. Vol. **XXXVII.i.140**)
[28] App. Ċiv. **11.12.1936** fil-kawżafl-ismijiet ***Briffa vs Cassar Torreggiani*** (Kollez. Vol. **XXIX.i.806**)
[29] P.A. **22.6.1935** fil-kawża fl-ismijiet ***Fava vs Bonniċi*** (Kollez. Vol. **XXIX.ii.581**)
[30] App. Ċiv. (Inf) RCP **25.3.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Dun. Rev. Karm Busuttil vs Anthony Caruana***
[31] Ara premessa numru 7 tar-Rikors Maħluf f'paġ. 2 tal-proċess
[32] Kollez. Vol **XLIX.I. pag. 500**

Illi dan il-prinċipju huwa mibni fuq il-massima li *actioni non natae non praescribitur*. L-awturi Baudry-Lacantinerie u Tissier f'dan ir-rigward jgħallmu li "*Quanto alla prescrizione estintiva, il suo corso comincia in principio a partire dal giorno in cui e' nato il diritto o l'azione che e' destinata ad estinguere...*"[33]. Iżjed 'il quddiem iżidu jgħidu illi *"La prescrizione estintiva in materia di diritti eventuali non decorre evidentemente se non dopo il verificarsi dell'evento che fa' nascere il diritto rimasto fin allora puramente eventuale*"[34];

Illi, hu x'inhu l-għajn tal-preskrizzjoni invokata mill-parti mħarrka, jaqa' dejjem fuq il-Qorti li tqis minn liema data tali preskrizzjoni bdiet għaddejja, u l-eċċezzjoni m'għandhiex tintlaqa' jekk mill-provi mressqin jew mill-atti tal-proċess dik id-data ma tkunx tista' tiġi stabilita[35];

Illi min-naħa l-oħra, ladarba tkun stabbilita d-data li minnha 'l quddiem tnisslet il-ħsara u beda għaddej iż-żmien preskrittiv, iċ-ċirkostanza dwar jekk il-parti mġarrba kenitx taf jew le li dik il-ġrajja seħħet ma tkunx rilevanti biex il-Qorti tqis jekk dak iż-żmien għaddiex jew għalaqx. Dan jingħad għaliex, fid-dawl tat-tagħlim imsemmi hawn fuq, "*Hu risaput illi d-dies a quo tal-preskrizzjoni jibda jgħodd minn meta ssir il-ħsara, u mhux minn meta dak li jkun jinduna bil-ħsara. Fil-kawża* ***Xuereb v Agius****, deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-31 ta' Ottubru, 1959, intqal illi: "il-preskrizzjoni tibda tgħaddi u timxi mill-jum li fih ikun ġara l-fatt illeċitu li minnu jidderiva d-dannu, u mhux mill-jum meta l-parti leża tiġi taf bih". It-test huwa wieħed oġġettiv u mhux dipendenti fuq meta l-vittma jkun komdu li jinduna bil-ħsara. Din il-Qorti, Sede Inferjuri, fil-kawża* ***Mohnani v. Stivala****, deċiża fil-11 ta' Ġunju, 2010, qalet: "…….. jibda biex jiġi reġistrat illi kif jinghad fl-Artikolu 2137 Kodiċi Ċivili, "bla ħsara ta' disposizzjonijiet oħra tal-liġi, il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dak in-nhar li din l-azzjoni tista' tigi eżerċitata, mingħajr ma jittieħed qies tal-istat jew tal-kundizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss". Hu spjegat mill-Qorti tal-Appell Supejuri illi "t-test li trid il-liġi allura kien dak oġġettiv, dipendenti mill-fatti li minnhom joriġina d-dritt tal-attur li jaġixxi, mhux it-test soġġettiv għall-persuna tal-attur u ċioe` jekk din kenitx jew le f'kundizzjoni li taġixxi, tkun xi tkun ir-raġuni" ("****Raphel Micallef -vs-Anthony Agius****", 6 ta' Ottubru, 2000). Evidentement, imbagħad, "iż-żmien hu dak li fih tkun twieldet l-obbligazzjoni, u li fih ikunu twieldu d-dritt u l-azzjoni konsegwenzjali" ("****Joseph Stivala -vs- Prof. Joseph Colombo****", Prim' Awla, Qorti Ċivili, 9 ta' Jannar 1953")*"[36];

---

[33] cfr. Trattato Teorico-Pratico di Diritto Civile: Della Prescrizione Cap XII, §364 pag. 279).
[34] *op. cit.* (§ 393 *bis*, pag 306)
[35] App. Ċiv **5.4.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Quintano vs Calleja et*** (Kollez. Vol: **LXXVII.ii.269**)
[36] App. Ċiv. **31.10.2014** fil-kawża fl-ismijiet ***Mizzi Estates Ltd vs Frank Borda et***

Illi, minkejja dan, tibqa' dejjem tgħodd ir-regola li l-parti li tqanqal l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni trid tippruvaha kif imiss u li, f'każ ta' dubju, dan imur kontra l-istess parti eċċipjenti;

Illi mill-provi li tressqu quddiem din il-Qorti, jirriżulta li x-xogħol ta' żvilupp beda jsir fis-sena 2001. Għalkemm intlaħaq ftehim fis-sena 2002, il-ħsarat fil-fondi tal-aturi baqgħu jippersistu, bil-Perit arkitett imqabbad minnhom stess jiċċertifika l-istess ħsarat permezz ta' żewġ rapporti. L-aħħar wieħed minnhom iġib id-data ta' Ġunju tal-2004. Ħareġ ukoll li l-atturi ipprotestaw kontra dawn il-ħsarat mal-imħarrek fl-24 ta' April, 2006. Mill-atti jidher li l-imħarrek laqa' n-notifika tal-imsemmi protest ġudizzjarju sitt (6) ijiem wara li nħareġ l-att għan-notifika. Min-naħa l-oħra, ma jirriżultax li l-imsejjaħ fil-kawża, il-Perit Joseph Bondin, ġie b'xi mod interpellat;

Illi billi l-kawża nfetħet fit-23 ta' Marzu, 2009, aktar minn tliet snin wara li kien tressaq il-Protest Ġudizzjarju li seta' interrompa ż-żmien li kien għadda mill-aħħar data tar-rapport tekniku, dan iwassal lill-Qorti sabiex tilqa' r-raba' eċċezzjoni preliminari tal-imħarrek Busuttil, għaliex tidher li hija mistħoqqa. Dan jingħad għaliex, għalkemm bis-saħħa tal-imsemmi protest l-atturi seħħilhom jinterrompu ż-żmien tal-preskrizzjoni li kien għaddej favur l-imħarrek, dak iż-żmien reġa' jimxi mill-ġdid[37], u ma reġax ġie interrott b'att ieħor li seta' jkollu l-istess effett. Meta l-attur fetħu l-kawża u l-imħarrek laqa' n-notifika tal-atti tagħha, iż-żmien preskritiv ta' sentejn li jgħodd għall-każ tal-atturi kien laħaq għalaq. L-atturi ma wrewx li l-imħarrek, b'xi mod magħruf mil-liġi, kien għaraf is-siwi tal-pretensjonijiet tagħhom jew qal xiħaġa oħra li turi li kien irrinunzja għall-preskrizzjoni;

Illi minħabba f'hekk, il-Qorti tasal għall-fehma li l-eċċezzjoni hija tajba u mistħoqqa u sejra tilqagħha;

Illi aktar u aktar għandha għaliex tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-imsejjaħ fil-kawża l-Perit Joseph Bondin, billi fil-konfront tiegħu l-atturi ma jidher li qatt ma ressqu xi pretensjoni ġudizzjarja qabel ma, xi żmien wara li kienet miexja din il-kawża, qatgħuha li jitolbu s-sejħa fil-kawża tiegħu;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa' r-raba' eċċezzjoni preliminari tal-imħarrek** Emmanuel *sive* Leli Busuttil u **l-ewwel eċċezzjoni tal-imsejjaħ fil-kawża** l-Perit Joseph Bondin,

[37] Art. 2136(2) tal-Kap 16

bħala mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt, u ssib li l-azzjoni atriċi waqgħet bil-preskrizzjoni tas-sentejn minn meta setgħet inbdiet;

**Tiċħad it-talbiet attriċi**; u

**Tordna** lill-atturi jħallsu l**-ispejjeż tal-kawża.**

**Moqrija**

**Onor. Joseph R. Micallef LL.D.**
**Imħallef**
**17 ta' Jannar, 2019**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Registratur**
**17 ta' Jannar, 2019**